# IL-KOMUNITÀ PARROKKJALI TA GĦAJNSIELEM
# TIĊĊELEBRA L-FESTA AD UNUR TAL-
# MADONNA TA' LORETO
# AWWISSU 2011

**It-Tnejn 8 ta' Awwissu:**

| | |
|---|---|
| 8.00 p.m. | Quddiesa fiċ-Ċimiterju għal ħutna li daħlu qabilna fl-eternità mis-Saċerdot Novell Dun Samwel Grech. |

**Il-Ħamis, 11 ta' Awwissu: WASLA TAL-QNIEPEN**

| | |
|---|---|
| 6.30 p.m. | Ninġabru ħdejn il-funtana ta' salib it-toroq Mġarr, Xatt, Sant'Antnin biex nilqgħu l-qniepen il-ġodda. |
| 7.00 p.m. | Il-Banda San Ġużepp takkumpanja l-korteo mill-bidu ta' Triq J.F. De Chambrai sal-Misraħ tal-Knisja.<br>Mal-wasla fil-Misraħ tal-Knisja l-qniepen jitpoġġew fuq pilastri apposta fejn jibqgħu esebiti u jindaqqu għal żmien il-festa. |

**Il-Ġimgħa, 12 ta' Awwissu:**

| | |
|---|---|
| 6.30 p.m. | Rużarju. |
| 7.00 p.m. | Quddiesa bl-Għasar. |

**Is-Sibt, 13 ta' Awwissu:**

| | |
|---|---|
| 6.30 p.m. | Rużarju |
| 7.00 p.m. | Konċelebrazzjoni bl-Għasar immexxija mill-Arċipriet Dun Frankie Bajada fil-Knisja Parrokkjali, fl-okkażjoni tat-22 Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja Arċipretali. |
| 8.00 p.m. | Quddiesa minn Mons. Rużar Borg li tiftaħ Lejl Adorazzjoni bi tħejjija għat-tberik tal-qniepen u b'talb għall-familji kollha. |
| 12.00 a.m. | Quddiesa. |

**Il-Ħadd 14 ta' Awwissu: TBERIK TAL-QNIEPEN**

| | |
|---|---|
| 8.00 a.m. | Tibda l-Open Day f'Radju Lauretana. |
| 9.00 a.m. | Quddiesa Solenni ta' Radd il-Ħajr minn Mons. Isqof Mario Grech. Jieħu sehem il-Chorus Urbanus, flimkien mal-korijiet Virgo u Lauretana taħt it-tmexxija ta' Maestro Dr. John Galea li ħa ħsieb il-proġett mużikali tal-qniepen. Tiġi esegwita l-quddiesa *In Fractione Panis.* |
| 10.45 a.m. | Ħruġ tal-Vara min-niċċa u titpoġġa fil-bieb prinċipali tal-Knisja. |
| 11.15 a.m. | Fil-Misraħ tal-Knisja ssir il-Funzjoni tat-Tberik tal-Qniepen li tagħlaq bil-kant u d-daqq tal-*Angelus* u d-dħul tal-vara taħt it-tron tagħha. Waqt il-funzjoni jitkantaw is-salmi u l-*Magnificat.* |
| 8.15 p.m | Velja f'Ta' Pinu. Il-komunità parrokkjali tieħu sehem flimkien mad-Djoċesi kollha f'sahra ta' talb lejlet l-Għid tal-Assunta. Trasport provdut fis-7.30 p.m. |

**It-Tnejn 15 ta' Awwissu: SOLENNITÀ TAT-TLUGĦ IS-SEMA TA' MARIJA**

Katina ta' Rużarju fl-okkażjoni ta' din il-festa.

**It-Tlieta 16 ta' Awwissu:**

8.00 p.m. Quddiesa fiż-żona tat-Torri mis-Saċerdot Novell Dun Samwel Grech. Ikun hemm trasport provdut mill-pjazza fis-7.30 p.m. Fis-7.30 p.m. ikun hemm possibilità ta' qrar.

**L-Erbgħa 17 ta' Awwissu:**

*Bi preparazzjoni għall-festa, u bħala ringrazzjament ta' tant grazzji li l-Mulej tana matul din is-sena, tkun ħaġa xierqa li min jista', matul dan il-jum, jagħmel xi forma ta' sawma.*

7.30 p.m. Niltaqgħu fejn il-playing field ta' Triq Gudja u nimxu f'pellegrinaġġ lejn il-Knisja ta' Lourdes fejn issir quddiesa fil-Grotta tal-Madonna mmexxija mill-Arċipriet Frankie Bajada.

8.45 p.m. Mota li tħabbar il-bidu tan-novena.

**Il-Ħamis 18 ta' Awwissu: L-EWWEL JUM TAN-NOVENA**
**Jum il-Volontarjat Nisrani – Ġurnata ta' Talb għall-Vokazzjonijiet**

*Matul il-Jiem tan-Novena ssir kampanja ta' għotjiet ta' karità (affarijiet ta' preserves, eċċ u flus) ħdejn l-altar tal-Madonna ta' Loreto.*

6.30 p.m. Rużarju, Kurunella u Barka Sagramentali.

7.00 p.m. Quddiesa minn Mons. Manwel Curmi flimkien ma' Dun Karm Xerri fl-okkażjoni tal-50 anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tagħhom. Isir talb speċjali għall-vokazzjonijiet.

8.30 p.m. F'Dar Arka jkun hemm *Open House* u festin imtella' mill-Kumitat tal-Promozzjoni Umana tal-Parroċċa filwaqt li nifirħu ma' Mons Manwel Curmi u Dun Karm Xerri. Jingħata rikonoxximent lill-għaqdiet volontarji tal-parroċċa f'din is-Sena Ewropea tal-Volontarjat.

**Il-Ġimgħa 19 ta' Awwissu: IT-TIENI JUM TAN-NOVENA**
**Jum l-Impenn Nisrani**

6.30 p.m. Rużarju, Kurunella u Barka Sagramentali.

7.00p.m. Quddiesa mmexxija mill-Patri Gwardjan Raymond Camilleri ofm. Janimaw il-Membri tal-Għaqdiet u l-Komunitajiet Ewkaristiċi tal-Parroċċa bis-sehem tar-Reliġjużi tal-parroċċa. Nitolbu għas-sorijiet Klarissi li fil-25 ta' dan ix-xahar ser jibdew il-preżenza tagħhom f'Għawdex.

9.00 p.m. Bar-B-Que fi Triq Fuq il-Għajn.

**Is-Sibt 20 ta' Awwissu: IT-TIELET JUM TAN-NOVENA**
**Jum il-Ferħ tat-Tfal**

6.30 p.m. Rużarju, Kurunella u Barka Sagramentali.

7.00 p.m. Quddiesa tan-Novena fl-aħħar Sibt tal-Madonna. Imexxi l-quddiesa Fr. Trevor Sultana. Mistiedna b'mod speċjali l-adoloxxenti li rċevew is-sagrament tal-Griżma tal-Isqof din is-sena flimkien mat-tfal li s-sena li għaddiet kienu minn Year 4 sa Form 2.

**Il-Ħadd 21 ta' Awwissu: IR-RABA' JUM TAN-NOVENA**
**Jum is-SAĊERDOZJU KATTOLIKU**

*Filgħodu jkun ikun hemm Open Day fil-Każin tal-Banda.*

| | |
|---|---|
| 5.00 p.m. | Tluq tal-Korteo mid-dar fi Triq Latini tas-Saċerdot Novell Dun Samuel Grech għall-Knisja Arċipretali. |
| 6.00 p.m. | Quddiesa Solenni ta' Radd il-Ħajr mis-Saċerdot Dun Samuel Grech. Jieħdu sehem il-kor flimkien mal-Orkestra taħt id-direzzjoni ta' Mro Frankie Debono. Fi tmiem il-quddiesa, is-saċerdot novell ibewwes l-idejn ikkonsagrati tiegħu. Wara kulħadd mistieden għall-festin fil-Misraħ tal-Knisja. |

**It-Tnejn 22 ta' Awwissu: - IL-ĦAMES JUM TAN-NOVENA**
**Jum il-FAMILJA NISRANIJA**

| | |
|---|---|
| 6.30 p.m. | Rużarju, Kurunella u Barka Sagramentali. |
| 7.00 p.m. | Quddiesa tan-novena minn Dun Manwel Magro. Isir talb għall-familji kollha. Mistiedna b'mod speċjali l-koppji miżżewġa. Isir it-tiġdid tal-Wegħdiet taż-żwieġ. Tingħata tifkira lil dawk li din is-sena għalqu 50 jew 25 sena miżżewġin kif ukoll lil dawk li ngħaqdu fis-sagrament taż-żwieġ f'din l-aħħar sena. |
| 9.15 p.m. | Marċ mill-Banda San Ġużepp minn Triq il-Ġnien sal-Misraħ tal-Knisja. |

**It-Tlieta 23 ta' Awwissu: IS-SITT JUM TAN-NOVENA**
**Jum it-Talent Żagħżugħ**

| | |
|---|---|
| 6.30 p.m. | Rużarju, Kurunella u Barka Sagramentali. |
| 7.00 p.m. | Quddiesa tan-novena mis-saċerdot novell Fr. Krystof Buttiġieġ bis-sehem taż-żgħażagħ tal-parroċċa. Janima l-quddiesa bil-kant il-grupp taż-żgħażagħ tagħna. |
| 9.00 p.m. | Il-Banda San Ġużepp tesegwixxi programm mużikali b'siltiet varji taħt id-direzzjoni tas-Surmast Sunny Galea A.L.C.M. u l-Assistent Surmast Frankie Debono. Ikollna sorpriża ħelwa. Wara l-programm tiġi inawgurata s-sala prinċipali tal-każin. |

**L-Erbgħa 24 ta' Awwissu: L-EWWEL JUM TAT-TRIDU**

| | |
|---|---|
| 6.15 p.m. | Rużarju. |
| 6.30 p.m. | Għasar Kantat. |
| 7.00 p.m. | Quddiesa mmexxija minn P. Richard Stanley Grech ofm, li fiha l-W.R. Mons. Eucharistico Sultana jagħmel l-ewwel priedka tat-Tridu. Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika |
| 9.30 p.m | Lejla Marjana bit-tema – ***Kollni Tiegħek.*** Isir talb, qari u kant ispirat mid-diskorsi tal-Beatu Papa Ġwanni Pawlu II fil-Misraħ tal-Knisja. Inħeġġu lil kulħadd biex jingħaqad magħna fi klima ta' talb f'riġlejn Ommna Marija Lawretana. Janimaw bil-kant il-Korijiet Virgo u Lauretana. Imexxi t-talb P. Richard Stanley Grech ofm. |

**Il-Ħamis 25 ta' Awwissu: IT-TIENI JUM TAT-TRIDU**
**Jum l-Għaqda fi Kristu**

| | |
|---|---|
| 6.15 p.m. | Rużarju. |

| | |
|---|---|
| 6.30 p.m. | Għasar Kantat. |
| 7.00 p.m.. | Quddiesa mmexxija mill-Arċipriet Dun Frankie Bajada, bil-priedka tat-Tridu mill-W.R Mons. Eucharistico Sultana. Kurunella, Antifona u Benedizzjoni Ewkaristika. Mistiedna b'mod speċjali l-emigranti li qegħdin fostna u dawk l-Għajnselmiżi kollha li jgħixu barra mir-raħal. Wara, l-emigranti huma mistiedna għal riċeviment fid-Dar Parrokkjali. |
| 9.30 p.m. | Jibda marċ brijuż min-naħa ta' fuq ta' Triq Simirat mill-Banda tagħna San Ġużepp kif ukoll il-Banda Ite Ad Joseph tal-Qala. L-istatwa tal-Madonna tad-Dar titwassal fi Pjazza Indipendenza fejn tittella' fuq il-pedestall tagħha. Tingħata merħba uffiċċjali lill-emigranti fostna. Il-marċ ikompli sal-każin tal-Banda. |

**Il-Ġimgħa 26 ta' Awwissu: IT-TIELET JUM TAT-TRIDU**
**Jum it-Tama u l-Ħbiberija**

| | |
|---|---|
| 9.00 a.m. | Quddiesa mis-Saċerdoti Novelli Dun Samuel Grech u Dun John Meilak li fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda lill-morda u l-anzjani preżenti. Mistiedna wkoll ir-residenti ta' Dar Arka. Tingħata tifkira tal-okkażjoni lill-anzjani. |
| 6.15 p.m. | Rużarju. |
| 6.30 p.m. | Għasar kantat. |
| 7.00 p.m. | Quddiesa mmexxija mill-Kan. Joe Cardona bil-priedka mill-W.R. Mons. Eucharistico Sultana. Kurunella, Antifona u Benedizzjoni Ewkaristika. Mistiedna speċjali dawk ir-residenti barranin u anke Maltin li għandhom residenza f'Għajnsielem. |
| 9.00 p.m. | Marċ mill-Banda Mnarja tan-Nadur li jibda minn ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali u jibqa' sejjer sal-Misraħ tal-Knisja. Wara tesegwixxi programm fuq il-planċier fl-istess Misraħ tal-Knisja. |
| 9.30 p.m. | Dimostrazzjoni bl-istatwa tal-Madonna tad-Dar li tibda min-naħa ta' fuq ta' Triq l-Imġarr. Iddoqq l-Banda San Ġużepp ta' Għajnsielem u l-Banda mistiedna Prekursur tax-Xewkija.<br>**Inħeġġu briju ferrieħi u mill-aqwa b'kant u żfin dekoruż u mġieba li tixraq lil dimostrazzjoni bil-Madonna.** |
| 12.00 a.m | Wasla tal-Madonna tad-Dar b'mod uniku għal fuq il-Pedestall tagħha fil-Misraħ tal-Knisja fost il-kant u l-briju. Wirja ta' ajruplani pirotekniċi. |

**Is-Sibt 27 ta' Awwissu: Lejlet il-Festa**

| | |
|---|---|
| 9.00 a.m. | Fil-Knisja l-Qadima Quddiesa kkonċelebrata mmexxija mill-Arċipriet Dun Frankie Bajada li fiha jitkanta t-Te Deum bħala radd il-ħajr lil Alla. |
| 5.15 p.m. | Marċ mill-Banda San Ġużepp li jibda minn Triq Cordina. |
| 5.30 p.m. | Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali. |
| 6.30 p.m. | Translazzjoni Solenni tar-Relikwija li titlaq mill-Knisja l-Qadima mmexxija mill-Arċipriet Dun Frankie Bajada għall-Knisja Parrokkjali. Jieħdu sehem il-Fratellanzi tas-Sagrament u tar-Rużarju. Takkumpanja l-Banda San Ġużepp |
| 7.00 p.m. | L-Ewwel Għasar Solenni mmexxi minn Mons. Ġużeppi Cauchi. |
| 8.00 p.m. | Quddiesa minn Fr. Joseph Farrugia. |
| 9.00 p.m. | Marċ mill-Banda La Stella li jibda minn Triq il-Ġnien sal-Misraħ tal-Knisja fejn tesegwixxi programm fuq il-planċier. |
| 9.30 p.m. | Marċ tradizzjonali ta' lejlet il-festa li jibda minn Triq Ħamri, jgħaddi għal Triq Fawwara u jintemm fil-Misraħ tal-Knisja. Il-baned San Ġużepp ta' |

| | |
|---|---|
| | Għajnsielem flimkien mal-Banda Victory tax-Xagħra jferrħu lill-poplu preżenti bid-daqq ta' marċi brijużi. |
| 12.00 a.m. | Marija Lawretana, Protettriċi ta' l-Avjazzjoni. Wirja tradizzjonali ta' ajruplani pirotekniċi segwita minn wirja ta' logħob tan-nar tal-art maħduma minn Virtù Fireworks u mżewqa bil-mużika. |

**Il-Ħadd 28 ta' Awwissu: Jum il-Komunità Lawretana**

| | |
|---|---|
| 6.00 a.m. | Quddiesa |
| 7.30a.m. | Quddiesa |
| 9.00 a.m. | Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-Eċċ. T. Mons. Isqof Mario Grech li fiha jinseġ kuruna ta' tifħir lil Ommna Marija Lawretana b'tagħlim għalina lkoll. Tesegwixxi l-Mużika l-Cappella Diacono taħt id-direzzjoni ta' Mons. Ġwann Galea. |
| 11.00 a.m. | Quddiesa |
| 5.00 p.m. | Quddiesa |
| 5.30 p.m. | Marċ mill-Banda Santa Margerita ta' Sannat li jibda minn Triq Ħamri u jintemm fil-Misraħ tal-Knisja. |
| 6.30 p.m. | Għasar Solenni ta' Jum il-Festa mmexxi mill-Arċipriet Dun Frankie Bajada. |
| 6.30 p.m. | Marċ ta' qabel il-purċissjoni mill-Banda San Ġużepp li jibda mill-Każin tal-Banda. |
| 7.30 p.m. | Ħruġ solenni tal-Istatwa Devota tal-Madonna ta' Loreto. Il-Banda San Ġużepp flimkien mal-Kor Lauretana jsellmu lil Ommna Marija bid-daqq tal-Innu *Alla Vergine di Loreto* .<br>Tibda miexja l-purċissjoni mmexxija minn Mons. Ġużeppi Cauchi flimkien mas-Saċerdoti Novelli Dun Samuel Grech u Dun John Meilak u akkumpanjata mill-Banda tagħna San Ġużepp.<br>Nistiednu lil kulħadd biex nakkumpanjaw lil Ommna Marija Lawretana permezz tat-talba tar-ružarju waqt il-purċissjoni. |
| 7.45 p.m. | Il-Banda Ċittadina Leone tal-Belt Victoria tibda marċ minn Triq il-Mogħdija għall-Misraħ tal-Knisja fejn tesegwixxi programm mużikali fuq il-Planċier. |
| 10.25 p.m. | Dħul tal-vara tal-Madonna ta' Loreto fil-Knisja fost il-kant Marjan tal-ġemgħa.<br>Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika mmexxija mill-Arċipriet Frankie Bajada bis-sehem tal-Poplu kollu. |
| 10.45 p.m. | Marċ Brijuż ta' għeluq il-Festa mill-Banda San Girgor li jagħlaq dawn il-festi. Il-marċ jibda minn fejn iċ-Ċentru Parrokkjali fi Triq J.F. de Chambrai sal-Misraħ tal-Knisja. |

**It-Tlieta 30 ta' Awwissu JUM ta' RADD IL-ĦAJR**

| | |
|---|---|
| 6.30 p.m. | Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika |
| 7.00 p.m. | Quddiesa ta' ringrazzjament u dħul tal-vara ġewwa n-niċċa tagħha. |

**NOTA ĠENERALI**

- Fil-ġranet tal-festa jieħdu sehem il-Kor Lauretana taħt id-direzzjoni ta' Lelio Spiteri u l-Orkestra taħt id-direzzjoni ta' Mro. Frankie Debono.

- Il-Mużika ta' lejlet u nhar il-Festa tkun tal-Cappella Diacono taħt id-direzzjoni ta' Mons. Ġwann Galea.

- Il-logħob tan-nar ordnat mill-Grupp tan-Nar tal-Festa ġie maħdum minn dawn il-kmamar: Madonna Tal-Virtu - Għarb, St. Mary Fireworks - Qrendi, Madonna tal-Karmnu – Żurrieq, Independent Fireworks Factory – Qrendi.

- Il-funzjonijiet tal-knisja u l-attivitajiet prinċipali tal-festa jkunu mxandra dirett fuq Radju Lauretana 89.3 FM Stereo li jkun ukoll fuq il-*website* www.radjulauretana.com. Segwu l-iskeda ta' programmi.

- Kull tibdil li jista' jinqala' f'dan il-programm jiġi avżat fil-knisja u fuq Radju Lauretana.

**Inżejnu l-Festa tagħna bi qrara tajba, bit-tqarbin**
**u bi mġieba li tixraq lil Ommna Marija Lawretana.**

**IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD**

**QRAR matul il-Jiem tal-Festa**

- L-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa, 24, 25 u 26 ta' Awissu
  - mis-6.00 p.m. sa tmiem il-funzjoni fil-knisja.
- Is-Sibt 27 ta' Awissu –
  - Mit-8.30 a.m. sad-9.30 a.m. u mill-5.00 p.m. sat-8.30p.m.
- Il-Ħadd 28 ta' Awissu
  - mit-8.00 a.m. sad-9.00 a.m. u mill-4.30 p.m. sal-5.00 p.m.

Sa fejn ikun possibbli il-qrar isir fil-konfessjonarji fil-knisja.

Minn qalbna nroddu ħajr lil dawk kollha li jaħdmu u jistinkaw biex jitwettaq dan il-programm u lill-voluntiera kollha li jaħdmu għall-festa u għall-parroċċa tul is-sena kollha.